MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2005

Numru 128/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOHANN J FENECH**

**VS**

**FLOYD ATTARD**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Floyd Attard ta’ 20 sena, imwieled tal-Pieta’ nhar l-10 ta’ Awissu, 1984, bin Charlie u Anna nee’ Zammit, residenti fil-fond numru 24, Triq id-Duluri, Isla, detentur tal-karta tal-identita’ numru 400284 (M) ;

Akkuzat talli fis-17 ta’ Jannar, 2005, ghall-habta ta’ 12:15hrs, ikkommetta serq ta’ pompa tal-ilma tal-ghamla *Villers* li tiswa Lm230.00 kif ukoll pompa tal-bexx ta’ ghamla mhux maghrufa li tiswa Lm170.00 minn razzett li

jinsab numru 58, Sqaq Brieqex, Zejtun, ghad-dannu ta’ Mikiel Spiteri miz-Zejtun, liema serq hu aggravat bil-lok, valur u x-xorta tal-haga misruqa;

U aktar talli xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa jew mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

U aktar talli sar recediv b’diversi sentenzi tal-Qorti Kriminali ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ammissjoni tal-imputat, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu stess wara li nghata zmien skond il-Ligi.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 269, 271, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-istess imputat hati, u tpoggih taht Ordni ta’ *Probation* ghal perjodu ta’ tlitt (3) mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------